**MT**

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.7.2009
KUMM(2009) 399 finali

2009/0112 (CNS)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk**

{SEC(2009) 1076 final}

{SEC(2009) 1077 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Ir-Regolament propost jistabbilixxi pjan fit-tul għall-ġestjoni tal-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dan l-istokk. L-għan tal-pjan huwa li tinżamm il-bijomassa tal-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay fuq livell li jippermetti l-isfruttament sostenibbli tiegħu skont l-ogħla rendiment sostenibbli, fuq il-bażi ta' pariri xjentifiċi, u waqt li jiġu żgurati kemm jista' jkun l-istabbilità u l-profittabbiltà fis-settur tas-sajd. Dawn l-għanijiet huma konformi mal-għanijiet tal-Politika Komuni dwar is-Sajd kif jinsabu fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[1] [il-Politika Komuni tas-Sajd], u fil-paragrafu 30 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni tas-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, f'Johannesburg, 2002.

L-elementi prinċipali tal-pjan il-ġdid huma kif ġej:

– *Il-ħtieġa li jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni fit-tul minflok ma jintużaw miżuri annwali ad hoc biex jiġu ffissati l-opportunitajiet tas-sajd.*

– Is-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay bħalissa huwa magħluq. Sabiex dan is-sajd jerġa' jinfetaħ, il-Kummissjoni taqbel mal-parir xjentifiku u l-fehmiet li esprimew il-partijiet interessati, jiġifieri li dan isir biss fuq il-bażi ta' strateġija fit-tul ibbażata fuq regola xierqa tal-ħsad.

– *Regola xierqa dwar il-ħsad hija proposta sabiex tiġi ggarantita l-istabbiltà tas-sajd.*

Dan il-pjan fit-tul isegwi regola dwar il-kontroll tal-ħsad li għandha tiżgura l-isfruttament tal-inċova b'rati għolja ta' rendiment, tiggarantixxi l-istabbiltà tas-sajd u li ġġib magħha riskju żgħir ta' kollass tal-istokk. Ġew studjati għażliet varji rigward regoli possibbli. Ir-riżultati tal-valutazzjoni jindikaw li r-regola xierqa, skont liema jiġu kkalkulati t-TACs annwali, tkun din li ġejja:

$$TAC_y = \begin{cases} 0 & \text{jekk } S\hat{S}B_y \leq 24000 \\ \text{TAC min} & \text{jekk } 24000 < S\hat{S}B_y < B_{pa} \\ \{\gamma\, S\hat{S}B_y, TAC\max\} & \text{jekk } S\hat{S}B_y \geq B_{pa} \end{cases}$$

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59

Fejn:

- TAC$y$ hija l-Qabda Totali Permissibbli għal sena ta' ġestjoni $y$ minn Lulju sa Ġunju tas-sena ta' wara.
- **TAC min** huwa t-TAC minimu
- **TAC max** huwa t-TAC massimu permissibbli
- $\mathbf{B}_{pa}$ huwa l-livell prekawzjonarju tal-bijomassa riproduttiva għal dan l-istokk
- Gamma $\gamma$ hija r-rata tal-ħsad
- $\boldsymbol{SSB_y}$ hija l-Bijomassa Riproduttiva reali, stmata f'Mejju ta' kull sena.

– Fuq il-bażi tal-parir xjentifiku, il-parametri xierqa għall-użu mal-formola ta' hawn fuq bil-għan li jiġi ġestit l-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

– **TAC min** = 7 000 tunnellata;

– **TAC max** = 33 000 tunnellata;

– $\mathbf{B}_{pa}$ = 33 000 tunnellata;

– $\gamma = 0.3$.

– *Tisħiħ tal-kontroll u l-infurzar*

Id-dispożizzjonijiet ta' kontroll għandhom ikunu inkorporati wkoll fil-pjan fit-tul. Għandhom jiffurmaw il-bażi għal reġim imsaħħaħ ta' kontroll u b'hekk jirrappreżentaw rekwiżiti addizzjonali għal dawk stabbiliti fis-sistema ġenerali ta' kontroll tal-Politika Komuni tas-sajd, li attwalment qed tiġi riveduta. Ladarba jiġi adottat ir-Regolament tal-Kontroll il-ġdid, għandu jieħu preċedenza fuq il-kapitolu korrispondenti f'dan ir-Regolament.

**Kuntest ġenerali**

Ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-2002 stabbilixxiet il-bażi għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet fit-tul, minflok l-approċċ fuq perjodi qosra msejjes fuq deċiżjonijiet annwali li jkunu negozjabbli liberament. Barra minn hekk, matul ir-riforma tal-politika komuni tas-sajd fl-2002, il-kummissjoni u l-kunsill qablu li jimplimentaw progressivament pjanijiet multiannwali u pjanijiet ta' rkupru dwar riżorsi tas-sajd ta' interess għall-komunità. Il-ġestjoni tar-riżorsi abbażi ta' pjanijiet fit-tul hija mmirata l-aktar biex tiżgura li l-isfruttar tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jipprovdi kondizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

Ġew stabbiliti pjanijiet għall-parti l-kbira tal-istokkijiet tal-merluzz fl-ilmijiet komunitarji, żewġ stokkijiet tal-marlozz, żewġ stokkijiet tan-nephrops, żewġ stokkijiet tal-lingwata u l-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-baħar tat-Tramuntana.

**Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-politika komuni dwar is-sajd jistipula l-qafas ġenerali għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

- ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/1993 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [il-politika komuni tas-sajd].

- ir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 tal-Kunsill tas-27 ta Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd

**Konsistenza mal-politiki u mal-għanijiet l-oħrajn tal-Unjoni**

L-għan tal-proposta għall-iżvilupp sostenibbli huwa konsistenti mal-politika ambjentali tal-Komunità, l-aktar mal-elementi ta' dik il-politika li jittrattaw il-ħarsien tal-ħabitats naturali u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali.

## KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

**Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira, u l-profil ġenerali tal-parteċipanti*

Il-proposta tqis ir-riżultati ta' proċess ta' konsultazzjoni li fih il-Kummissjoni involviet lill-Istati Membri kif ukoll lir-rappreżentanti tal-partijiet interessati fil-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.

Il-Kummissjoni pprovdiet non-paper teknika għall-Istati Membri fi Novembru 2007. Dan id-dokument ippreżenta l-elementi varji possibbli tal-pjan ta' ġestjoni, fosthom approċċi alternattivi;

- Għażliet differenti rigward ir-regoli dwar il-kontroll tal-ħsad.

Ġew ivvalutati diversi għażliet possibbli fir-rigward tal-effiċjenza potenzjali tal-ġestjoni u l-kompromessi bejn ir-rendiment / ir-riskju li jinvolvu.

- Ġestjoni possibbli tal-kapaċità/tal-isforz.

- Sabiex dan is-sajd jiġi ġestit b'mod adegwat, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit pjan li jiżgura li l-isforz annwali eżerċitat fis-sajd jikkorrispondi mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli.

- Miżuri tekniċi.

- Żona biex jiġu mħarsa l-individwi ta' età żgħira, biex proporzjon akbar tal-individwi ġodda jitħallew jirriproduċu u/jew il-possibbiltà li jiġu stabbiliti żoni għall-ħarsien tal-adulti.

- Miżuri ta' kontroll.
- Il-ħtieġa għal reġim strett ta' kontroll, inkluż l-obbligu biex l-Istati Membri jiżviluppaw il-pjanijiet nazzjonali ta' kontroll.
- Miżuri tas-suq.
- Għażliet differenti rigward il-miżuri tas-suq abbażi tal-għadd ta' individwi permessi għal kull kg.
- Riċerka.
- Ħtieġa sabiex jiġu żviluppati aktar metodoloġiji xjentifiċi sabiex l-estimi dwar ir-reklutaġġ f'sena partikolari jkunu aktar affidabbli, partikolarment permezz ta' stħarriġ matul il-perjodu tal-ħarifa tal-istaġun tas-sajd, bil-għan li t-TAC jiġi stabbilit (tard) fir-rebbiegħa ta' wara.

Id-dokument ta' konsultazzjoni kien indirizzat ukoll lill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Lbiċ (SWWRAC). Dan il-korp ġie stabbilit mill-Komunità Ewropea biex jippermetti lir-rappreżentanti tas-setturi tal-industrija tal-qbid u tal-ipproċessar, tal-organizazzjonijiet ambjentali mhux governattivi, tas-sajjieda dilettanti u ta' gruppi oħra varji biex jagħtu pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-iżvilupp tal-politika u miżuri proposti għall-Ilmijiet tal-Lbiċ, fejn iseħħ is-sajd għal dan l-istokk. L-SWWRAC ġie kkonsultat dwar rapporti differenti prodotti minn grupp ta' esperti xjentifiċi u tekniċi (ara t-taqsima li jmiss) rigward għażliet għall-ġestjoni ta' dan l-istokk. Il-kontribut tiegħu kien importanti u l-proposta attwali qieset xi wħud mill-punti li tqajmu f'dan il-kuntest.

*Sinteżi tar-risposti li ngħataw*

L-SWWRAC qablet dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit pjan fit-tul għall-ġestjoni tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay. Barra minn hekk qablet mar-regola dwar il-kontroll tal-ħsad li hija simili ħafna għar-regola li ntużat f'din il-proposta. Madankollu, ir-RAC tappoġġa żieda fil-fattur ta' sfruttament (gamma) għal 0.4 (minflok 0.3 kif ġie propost). Dan iżid il-livell tar-riskju b'mod sinifikanti, biex b'hekk tiżdied il-probabbiltà ta' waqgħa fl-istokk għal livell inqas minn $B_{lim}$ u tal-għeluq tas-sajd.

Għall-bqija, il-proċess ta' konsultazzjoni wassal biex il-Kummissjoni tiffoka l-proposta fuq regoli dwar il-kontroll tal-ħsad u dispożizzjonijiet ta' kontroll, filwaqt li elementi oħra possibbli, kif diskussi fin-non-paper teknika jistgħu jitqiesu taħt strumenti regolatorji differenti (bħal miżuri reġjonali tekniċi u/jew stħarriġ ta' riċerka fil-kuntest tal-korpi konsultattivi tal-Kummissjoni).

**Ġbir u użu tal-għarfien espert**

*Oqsma xjentifiċi/ta' għarfien espert ikkonċernati*

Il-Kumitat Tekniku u Ekonomiku tas-Sajd tal-Kummissjoni (STECF) intalab jipprovdi pariri esperti dwar il-ġestjoni fit-tul tal-inċova. Saru żewġ laqgħat għal grupp ad hoc ta' esperti; l-ewwel waħda saret f'Hamburg bejn l-14 u t-18 ta' April 2008, u t-tieni waħda f'San Sebastian bejn it-2 u s-6 ta' Ġunju 2008. L-iSTECF tat il-parir tagħha fil-laqgħa

plenarja li saret bejn it-2 u l-4 ta' Lulju 2008. Barra minn hekk, ġiet analizzata regola ġdida proposta mir-RAC b'valur $B_{lim}$ ogħla, matul il-laqgħa ta' bejn l-20 sal-24 ta' April 2009.

*Sinteżi tal-pariri li ngħataw u ntużaw*

- Il-punti ewlenin huma:
- Kemm l-iSTECF kif ukoll ir-RAC tal-ilmijiet tal-Lbiċ huma tal-parir li hemm benefiċċji sostanzjali fiċ-ċaqliqa mis-sistema attwali bbażata fuq miżuri annwali ad hoc lejn pjan ta' ġestjoni fit-tul.

- L-iSTECF tipprovdi r-riżultati ta' regoli tal-ħsad differenti permezz ta' analiżi tar-riskju skont ix-xenarji tal-isfruttar li ġejjin:

– Għażla A: Ħsad ta' proporzjon kostanti 'il fuq minn livell ta' Bijomassa ta' ħrib (SSB);

– Għażla B: Ħsad ta' proporzjon kostanti 'il fuq minn livell ta' Bijomassa (SSB);

– Għażla C: Ħsad ta' proporzjon kostanti 'il fuq minn livell ta' Bijomassa ta' ħrib għal xenarji ta' reklutaġġ baxx. Dan l-għażla ġiet proposta mir-RAC.

– Għażla D: Ħsad ta' proporzjon kostanti tal-livell ta' Bijomassa SSB imma b'ċerti restrizzjonijiet fuq il-livell minimu ta' bijomassa. Din l-għażla wkoll ġiet proposta mir-RAC.

- L-analiżi kienet ibbażata fuq mudell ta' simulazzjoni li evalwa l-probabbiltà li l-istokk jaqa' f'livell aktar baxx minn $B_{lim}$ u l-probabbiltà li s-sajd jingħalaq fi żmien għaxar snin.

Din il-proposta hija msejsa fuq l-għażla D.

*Mezzi li ntużaw biex l-għarfien espert ikun disponibbli pubblikament*

Il-pariri tal-iSTECF huma disponibbli pubblikament minn fuq il-websajt tagħha (fishnet.jrc.it/web/stecf).

**Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt hija bbażata b'mod partikolari fuq żewġ għażliet bażiċi ta' politika, li t-tieni waħda minnhom għandha tliet għażliet sekondarji:

– L-ebda bidla fil-politika (status quo);

– L-istabbiliment ta' pjan fit-tul skont it-3 għażliet provduti mill-iSTECF.

– Wara l-valutazzjoni tal-impatt, ir-RAC issuġġeriet għażla oħra (l-għażla D hawn fuq). Valutazzjoni mill-iSTECF uriet li din l-għażla kienet komparabbli mal-għażla C, l-għażla preferuta mill-valutazzjoni tal-impatt, b'mod li tipprovdi l-istess

beneficċji għall-istokk filwaqt li tillimita r-riskju għall-kollass tal-istokk. Peress li din l-għażla kienet dik l-aktar appoġġata mir-RAC, intagħżlet għar-Regolament propost.

– Il-valutazzjoni tal-impatt hija disponibbli fuq:

– http://ec.europa.eu/governance/impact/practice_en.htm

–

## ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

### Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika biex jiġu stabbiliti pjanijiet fit-tul hija l-Artikolu 37 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

### Prinċipju ta' sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju ta' sussidjarjetà ma japplikax.

### Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

## IMPLIKAZZJONI GĦALL-BAĠIT

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

## TAGĦRIF ADDIZZJONALI

### Klawżola ta' valutazzjoni/reviżjoni/terminazzjoni

Il-proposta tinkludi dispożizzjoni li tipprovdi għal evalwazzjoni tal-pjan kull tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Il-pjan propost jistabbilixxi livell minimu ta' bijomassa riproduttiva abbażi tal-parir xjentifiku mill-iSTECF u l-ICES, li jekk jintlaħaq, ikun meħtieġ li s-sajd jibqa' magħluq. Fil-proposta hemm inkluża klawsola ta' evalwazzjoni biex ikun żgurat li din iċ-ċifra tkun tista' tiġi emendata, jekk xieraq fid-dawl ta' informazzjoni u pariri xjentifiċi ġodda.

2009/0112 (CNS)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[3],

Billi:

(1) Fid-dawl tal-Pjan ta' Implimentazzjoni adottat fis-Samit Dinji tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli adottat f'Johannesburg fl-2002, il-Komunità Ewropea hija impenjata, *inter alia*, sabiex iżżomm jew treġġa' lura l-istokkijiet għal livelli li jistgħu jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli, bl-għan li dawn l-għanijiet jinkisbu b'urġenza għall-istokkijiet eżawriti, u fejn hu possibbli mhux aktar tard mill-2015.

(2) Is-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay ilu magħluq mill-2005 'l hawn minħabba l-qagħda mwiegħra ta' dak l-istokk.

(3) Sabiex jittejjeb l-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay, f'livell li jippermetti l-isfruttar sostenibbli skont l-ogħla rendiment sostenibbli, huwa meħtieġ li jsir provvediment għal miżuri għall-ġestjoni fit-tul tal-istokk li jiżguraw l-isfruttament ta' dak l-istokk b'rati għolja ta' rendiment b'konsistenza mal-ogħla rendiment sostenibbli u li jiggarantixxu, kemm jista' jkun, l-istabbiltà tas-sajd filwaqt li jinżamm livell baxx ta' riskju li l-istokk jikkollassa.

(4) L-istaġun tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay jibda mill-1 ta' Lulju ta' kull sena u jispiċċa fil-31 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, huwa xieraq li jsir provvediment għal miżuri speċifiċi li jistabbilixxu t-TAC għal kull staġun tas-sajd u li jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri b'tali mod li jkunu

[2] ĠU C, p.
[3] ĠU ...

jikkonformaw ma' dan il-perjodu ta' ġestjoni u fuq il-bażi tal-parir mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Il-ġestjoni tal-opportunitajiet ta' sajd għandha ssir b'konformità sħiħa mal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd[4] [il-Politika Komuni tas-Sajd].

(5) Dan joriġina mill-parir tal-iSTECF li l-ħsad ta' proporzjon kostanti tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv jipprovdi għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet. L-iSTECF huwa wkoll tal-parir li l-livell minimu tal-bijomassa riproduttiva li fiha l-istokk ikun jista' jibda jinħasad għandu jkun stabbilit għal 24 000 tunnellata u li l-livell prekawzjonarju ta' bijomassa għandu jkun ta' 33 000 tunnellata. Barra minn hekk, ir-rata xierqa tal-ħsad għandha tkun 30% tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv kull sena, soġġetta għar-restrizzjonijiet xierqa. Din ir-rata timminimizza r-riskju li l-istokk jonqos għal livelli taħt il-bijomassa riproduttiva minima, kif ukoll il-probabbiltà li s-sajd jingħalaq, filwaqt li jinżammu livelli għolja ta' rendiment.

(6) F'każ li l-iSTECF ma jkunx jista' jagħti parir fuq TAC minħabba nuqqas ta' informazzjoni mhux preċiża u rappreżentattiva biżżejjed, għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li TAC ikun iffissat b'mod konsistenti.

(7) Fejn din il-valutazzjoni turi li l-livell minimu tal-bijomassa riproduttiva inkella tat-TAC stabbiliti mill-pjan ma jkunux għadhom xierqa, għandu jiġi żgurat l-adattatament tal-pjan. Fid-dawl tal-fatt li l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd huma miżuri ta' importanza primarja fil-Politika Komuni tas-Sajd u li għandhom impatt dirett fuq l-qagħda soċjoekonomika tal-flotot tas-sajd tal-Istati Membri, huwa xieraq li l-Kunsill jirriserva għalih id-dritt li jeżerċita setgħat ta' implimentazzjoni diretta fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet speċifiċi.

(8) Jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri ta' kontroll flimkien ma' dawk stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni[5] [il-Politika Komuni tas-Sajd] sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-għadd kbir ta' bastimenti ta' inqas minn 15-il metru tul li huma involuti fis-sajd għall-inċova, huwa xieraq li l-obbligi stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 Diċembru, 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri [bastimenti] bażata fuq satellita [is-satelliti][6], lill-bastimenti kollha li jistadu għall-inċova.

(9) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-evalwazzjoni perjodika tal-pjan u, fejn evalwazzjoni bħal din turi li r-regoli għall-kontroll tal-ħsad ma jkunux għadhom jiżguraw l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tal-istokkijiet, għandu jiġi żgurat l-adattament tal-pjan.

(10) Għall-iskopijiet tal-punti (i) u (iv) tal-Artikolu 21(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd[7] il-pjan għandu jkun pjan ta' rkupru skont it-tifsira tal-Artikolu 5 Regolament (KE) Nru 2371/2002

---

4 ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
5 ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.
6 ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.
7 ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

meta l-istokk jinsab taħt il-livell ta' prekawzjoni tal-bijomassa riproduttiva, u pjan ta' ġestjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tal-aħħar Regolament fis-sitwazzjonijiet l-oħra kollha.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I
# SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan fit-tul għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay (minn issa 'l quddiem 'il-pjan').

*Artikolu 2*

**Ambitu**

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-istokk ta' inċova li jgħix fiż-Żona VIII tal-ICES.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "staġun tas-sajd" tfisser il-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ġunju tas-sena ta' wara;

(b) "qabdiet totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità ta' inċova li tista' tittieħed miż-żona msemmija fl-Artikolu 2 u tinħatt jew tintuża bħala lixka ħajja matul kull staġun tas-sajd;

(c) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Istati Membri.

(d) "livell ta' prekawzjoni tal-bijomassa" tfisser livell tal-bijomassa ta' riproduzzjoni ta' 33000 tunnellata;

(e) "bijomassa kurrenti" tfisser id-daqs medjan tal-bijomassa tal-istokk tal-inċova fi staġun tas-sajd

# KAPITOLU II
# GĦAN GĦALL-ĠESTJONI FIT-TUL

*Artikolu 4*

**Għan tal-pjan**

L-għan tal-pjan għandu jkun:

(a) li jiġi żgurat l-isfruttament tal-istokk tal-inċova b'livelli għolja ta' rendiment b'konsistenza mal-ogħla rendiment sostenibbli, u

(b) li tiġi ggarantita, kemm jista' jkun, l-istabbiltà tas-sajd filwaqt li jinżamm riskju baxx tal-kollass tal-istokk.

# KAPITOLU III

# REGOLI DWAR IL-ĦSAD

*Artikolu 5*

**TAC u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri**

1. It-TAC u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri għal kull staġun tas-sajd għandhom ikunu l-livell ta' tunnellati indikati fl-Anness I bħala dak li jikkorrispondi mal-bijomassa kurrenti kif stmata mill-iSTECF.

2. Fejn, minħabba nuqqas ta' informazzjoni preċiża u rappreżentattiva biżżejjed, l--iSTECF ma jkunx jista' jagħti pariri dwar il-bijomassa kurrenti, it-TAC u l-kwoti għandhom jiġu deċiżi kif ġej:

   (a) fejn l-iSTECF jagħti parir li l-qabdiet tal-inċova għandhom jitnaqqsu għall-aktar livell baxx possibbli, it-TAC u l-kwoti għandhom jikkorrispondu għal tnaqqis ta' 25% meta mqabbla mat-TAC u l-kwoti applikabbli għall-istaġun tas-sajd ta' qabel;

   (b) fil-każijiet l-oħra kollha, it-TAC u l-kwoti għandhom jikkorrispondu għal-livell ta' tunnellati applikabli għall-istaġun tas-sajd ta' qabel.

3. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar il-parir tal-iSTECF u għandha tikkonferma t-TAC u l-kwoti li jikkorrispondu magħhom skont l-Anness I u li huma applikabbli għall-istaġun tas-sajd li jibda mill-1 ta' Lulju ta' dik is-sena u tippubblikah fl-edizzjoni C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

**Adattament ta' miżuri**

Fil-każ li l-iSTECF tagħti l-parir li l-livell prekawzjonarju tal-bijomassa fl-Artikolu 3 inkella li l-livelli tat-TAC indikati fl-Anness I bħala korrispondenti mal-livelli rispettivi tal-bijomassa ma jibqgħux xierqa biex jippermettu l-isfruttament sostenibbli tal-istokk tal-inċova, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar valuri ġodda għal dawk il-livelli f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

*Artikolu 7*

**Relazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 847/96**

L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għat-tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti[8] għandu japplika għat-TAC u l-kwoti applikabbli għal kull staġun tas-sajd skont dan il-Kapitolu.

# KAPITOLU IV

# MONITORAĠĠ, SPEZZJONI U SORVELJANZA

*Artikolu 8*

**Relazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2847/93**

Il-miżuri ta' kontroll imsemmija f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw flimkien ma' dawk preskritti bir-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u f'Kapitolu V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom.

*Artikolu 9*

**Permess speċjali tas-sajd**

1. Sabiex ikunu jistgħu jistadu għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay, il-bastimenti għandhom ikollhom permess speċjali tas-sajd maħruġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet [ġenerali] rigward permessi speċjali tas-sajd[9].

2. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe bastiment tas-sajd li ma jkollux permess tas-sajd kif imsemmi fil-paragrafu 1 jistad għal xi kwantità ta' inċova jew li jżommha abbord filwaqt li l-bastiment ikun qiegħed fuq vjaġġ tas-sajd li kien jinkludi l-preżenza ta' dak il-bastiment fiż-Żoni tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 2.

---

8 ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.
9 ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.

3. Qabel ma jibdew l-attivitajiet tas-sajd fi kwalunkwe staġun tas-sajd, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' bastimenti li jkollhom il-permess speċjali msemmi fil-paragrafu 1 u jtellugħ fuq il-websajt tagħhom, u għandhom jibgħatu l-link elettronika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. L-Istat Membru għandu jżomm il-lista aġġornata f'kull ħin u għandu jinforma lill-Kumissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħar dewmien dwar kwalunkwe tibdil li jsir għal-link oriġinali għall-paġna elettronika.

*Artikolu 10*

**Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti**

Minbarra l-Artikolu 22(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, l-obbligi stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2010 għal dawk il-bastimenti msemmija fl-Artikolu 9 li ma jaqbżux il-15-il metru tul.

*Artikolu 11*

**Kontroverifiki**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu, fir-rigward tal-inċova, il-kontroverifiki amministrattivi u l-verifiki tad-dejta pprovduti fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93. Għandha tingħata importanza partikolari lill-possibbiltà li speċijiet oħra minbarra l-inċova jkunu rrappurtati bħala inċova, u viċi versa.

2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-informazzjoni rċevuta fiċ-ċentri għall-monitoraġġ tas-sajd (FMC) tikkorrispondi mal-attivitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord permezz tad-dejta VMS. Dawk il-kontroverifiki għandhom jiġu reġistrati f'forma li tinqara mill-kompjuter u jinżammu għal perjodu ta' tliet snin.

3. Kull Stat Membru għandu jżomm u jara li jkunu jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku uffiċjali tiegħu d-dettalji tal-kuntatt għas-sottomissjoni ta' ġurnali ta' abbord u dikjarazzjonijiet tal-ħatt.

*Artikolu 12*

**Użin tal-inċova**

Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd għandu jiżgura li kull kwantità ta' inċova maqbuda fiż-żona msemmija fl-Artikolu 2, li tinżamm abbord jew tinħatt f'port tal-Komunità għandha tintiżen fuq il-bastiment jew fil-port fejn tinħatt qabel il-bejgħ jew qabel ma tinġarr band'oħra. Il-miżien li jintuża għall-użin għandu jiġi approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Iċ-ċifra li tirriżulta mill-użin għandha tintuża għad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

*Artikolu 13*

**Projbizzjoni tat-trażbord**

It-trażbord tal-inċova fuq il-baħar għandu jkun ipprojbit fiż-żona msemmija fl-Artikolu 2.

*Artikolu 14*

**Notifika minn qabel**

1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju, jew ir-rappreżentant tiegħu, qabel id-dħul f'kull port jew kull lokalità ta' żbark ta' Stat Membru li jkun qed iġorr aktar minn tunnellata waħda ta' inċova abbord għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru, mill-anqas erba' sigħat qabel id-dħul, bi:

   (a) l-isem tal-port jew tal-lokalità tal-ħatt l-art;

   (b) il-ħin previst tal-wasla f'dan il-port jew fil-lokalità tal-ħatt;

   (c) il-kwantitajiet f'kg ta' piż ħaj tal-ispeċijiet kollha li minnhom aktar minn 50 kg jinżammu abbord.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li fih aktar minn tunnellata waħda ta' inċova tkun se tinħatt jistgħu jeħtieġu li l-ħatt tat-tagħbija ħut miżmuma abbord ma jibdiex qabel jiġi awtorizzat minn dawn l-awtoritajiet.

3. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju, jew ir-rappreżentant tiegħu, li jkun jixtieq jittrażborda jew jiskarika fil-baħar kull kwantità miżmuma abbord jew iħott f'port jew f'lokalità tal-ħatt f'pajjiż terz għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, minn tal-inqas 24 siegħa qabel it-trażbord jew l-iskariku fil-baħar jew il-ħatt f'pajjiż terz, bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 15*

**Portijiet deżinjati**

1. Fejn aktar minn żewġ tunnellati metriċi ta' inċova jkunu se jinħattu fil-Komunità minn bastiment tas-sajd Komunitarju, il-kaptan tal-bastiment għandu jiżgura li dan il-ħatt isir biss f'portijiet deżinjati.

2. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja portijiet li fihom ikunu jistgħu jinħattu kwantitajiet ta’ inċova ta’ aktar minn tunnellata.

3. Kull Stat Membru għandu jippubblika fuq il-websajt uffiċjali tiegħu fi żmien 15-il jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament il-lista tal-portijiet ddeżinjati u, fi żmien 30 jum wara, il-proċeduri assoċjati ta' spezzjoni u sorveljanza għal dawk il-portijiet, inkluż it-termini u l-kundizzjonijiet għall-irrekordjar u r-rappurtar tal-kwantitajiet ta' inċova f’kull ħatt l-art li jseħħ.

*Artikolu 16*

**Marġni ta’ tolleranza fl-estimi ta’ kwantitajiet irrappurtati fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment**

B’deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 tat-22 ta' Settembru 1983 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni

dwar il-qabdiet ta' ħut tal-Istati Membri[10], il-marġni ta' tolleranza permess, fl-istima ta' kwantitajiet f'kg miżmuma abbord, għandu jkun 5 % taċ-ċifra fil-ġurnal ta' abbord.

*Artikolu 17*

**Stivar separat tal-inċova**

Għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord bastiment tas-sajd Komunitarju fi kwalunkwe kontenitur kwalunwke kwantità ta' inċova mħallta ma' kwalunkwe speċi oħra ta' organiżmi tal-baħar. Il-kontenituri li jkun fihom l-inċova għandhom jitqiegħdu fl-istiva b'tali mod li jinżammu separati minn kontenituri oħra.

*Artikolu 18*

**Trasport tal-inċova**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jeħtieġu li kwalunwke kwantità ta' inċova maqbuda f'waħda miż-żoni msemmija fl-Artikolu 2 u li tinħatt għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru tintiżen fil-preżenza ta' kontrolluri qabel ma tiġi trasportata x'imkien ieħor mill-port fejn tkun inħattet għall-ewwel darba. Għal inċova li tinħatt għall-ewwel darba f'port deżinat skont l-Artikolu 15, kampjuni rappreżentattivi, li jammontaw għal mill-inqas 20 % tal-għadd li jkun inħatt, għandhom jintiżnu fil-preżenza ta' kontrolluri awtorizzati mill-Istati Membri qabel ma jiġu offerti għall-ewwel bejgħ u jinbigħu. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, dettalji tar-reġim tat-teħid tal-kampjuni li jkun se jiġi applikat.

2. B'deroga mill-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kwantitajiet kollha ta' aktar minn 50 kg inċova li jiġu trasportati lejn post li mhux dak fejn inħattu jew ġew importati l-ewwel darba għandhom ikunu akkumpanjati minn kopja ta' waħda mid-dikjarazzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament relatati mal-kwantitajiet ta' inċova ttrasportati. L-eżenzjoni prevista bl-Artikolu 13(4)(b) ta' dak ir-Regolament ma għandhiex tapplika.

*Artikolu 19*

**Programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll**

1. L-Istati Membri b'bastimenti kkonċernati minn dan ir-Regolament għandhom jiddefinixxu programm nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll skont l-Anness II u għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' kampjunar imsemmija fl-Artikolu 6(6) tar-Regolament (KE) Nru 2847/93 iqiegħdu enfażi partikolari fuq il-monitoraġġ tal-attivitajiet ta' dawk il-bastimenti

2. Qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, l-Istati Membri b'bastimenti milqutin minn dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni u lill-Istati

[10] ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1.

Membri oħra milqutin minn dan ir-Regolament fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom il-programmi ta' azzjoni ta' kontroll nazzjonali tagħhom flimkien ma' skeda ta' implimentazzjoni kif ukoll il-pjanijiet ta' kampjunar imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Mill-inqas darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura biex tevalwa l-applikazzjoni u r-riżultati tal-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll.

*Artikolu 20*

**Punti ta' referenza għall-Ispezzjoni**

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll imsemmija fl-Artikolu 21 għandhom jistabbilixxu punti ta' referenza speċifiċi għall-ispezzjoni. Tali punti ta' referenza għandhom jiġu riveduti perjodikament wara li tkun saret analiżi tar-riżultati miksubin. L-ispezzjoni ta' punti ta' referenza għandha tevolvi progressivament sakemm il-punti ta' referenza fil-mira u definiti fl-Anness III jintlaħqu.

*Artikolu 21*

**Programmi speċjali ta' kontroll u spezzjoni,**

B'deroga mill-Artikolu 34c(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjonar għall-istokk tal-inċova jista' jdum għaddej għal aktar minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

# KAPITOLU V
# AZZJONI TA' SEGWITU

*Artikolu 22*

**Evalwazzjoni tal-pjan**

Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' pariri mill-STEFC u wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali rilevanti, tevalwa l-impatt tal-pjan fuq l-istokk tal-inċova u fuq is-sajd li qed jisfrutta dak l-istokk, mhux aktar tard mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u wara f'kull tielet sena suċċessiva tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, tipproponi miżuri rilevanti biex temenda l-pjan.

# KAPITOLU VII
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 23*

**Assistenza permezz tal-Fond Ewropew tas-Sajd**

1. Għal dawk l-istaġuni tas-sajd li fihom l-istokk ikun taħt il-livell ta' prekawzjoni ta' bijomassa, il-pjan għandu jitqies bħala pjan ta' rkupru fit-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet tal-Artikolu 21(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

2. Għal dawk l-istaġuni tas-sajd li fihom l-istokk ikun fil-livell jew ogħla mil-livell ta' prekawzjoni ta' bijomassa, il-pjan għandu jitqies bħala pjan ta' ġestjoni fit-tifsira tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet ta-Artikolu 21(a)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

*Artikolu 24*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS I

*Il-livelli tat-TAC indikati fit-tabella hawn taħt ġew ikkalkulati skont ir-regola li ġejja:*

$$TAC_y = \begin{cases} 0 & \text{jekk } S\hat{S}B_y \leq 24000 \\ \text{TAC min} & \text{jekk } 24000 < S\hat{S}B_y < B_{pa} \\ \{\gamma\, S\hat{S}B_y, TAC\max\} & \text{jekk } S\hat{S}B_y \geq B_{pa} \end{cases}$$

_

Fejn:

TAC$_y$ hija l-Qabda Totali Permissibbli għal sena ta' ġestjoni $y$ minn Lulju sa Ġunju tas-sena ta' wara.

**TAC min** huwa t-TAC minimu

**TAC max** huwa t-TAC massimu permissibbli

**B**$_{pa}$ huwa l-livell prekawzjonarju tal-bijomassa riproduttiva għal dan l-istokk

Gamma γ hija r-rata tal-ħsad

***SSB$_y$*** hija l-Bijomassa Riproduttiva reali, stmata f'Mejju ta' kull sena.

Fuq il-bażi tal-parir xjentifiku, il-parametri xierqa għall-użu mal-formola ta' hawn fuq bil-għan li jiġi ġestit l-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

**TAC min** = 7 000 tunnellata;

**TAC max** = 33 000 tunnellata;

**B**$_{pa}$ = 33 000 tunnellata;

γ = 0.3.

**Livelli ta' bijomassa kurrenti u l-livelli korrispondenti tat-TAC u l-kwoti**

| Bijomassa kurrenti stmata (tunnellati) | TAC Korrispondenti (tunnellati) | Kwoti (tunnellati) | |
|---|---|---|---|
| | | Franza | Spanja |
| 24 000 jew inqas | 0 | 0 | 0 |
| 24 001 – 33 000 | 7 000 | 700 | 6 300 |
| 33 001 – 34 000 | 10 200 | 1 020 | 9 180 |
| 34 001 – 35 000 | 10 500 | 1 050 | 9 450 |
| 35 001 – 36 000 | 10 800 | 1 080 | 9 720 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 36 001 – 37 000 | 11 100 | 1 110 | 9 990 |
| 37 001 – 38 000 | 11 400 | 1 140 | 10 260 |
| 38 001 – 39 000 | 11 700 | 1 170 | 10 530 |
| 39 001 – 40 000 | 12 000 | 1 200 | 10 800 |
| 40 001 – 41 000 | 12 300 | 1 230 | 11 070 |
| 41 001 – 42 000 | 12 600 | 1 260 | 11 340 |
| 42 001 – 43 000 | 12 900 | 1 290 | 11 610 |
| 43 001 – 44 000 | 13 200 | 1 320 | 11 880 |
| 44 001 – 45 000 | 13 500 | 1 350 | 12 150 |
| 45 001 – 46 000 | 13 800 | 1 380 | 12 420 |
| 46 001 – 47 000 | 14 100 | 1 410 | 12 690 |
| 47 001 – 48 000 | 14 400 | 1 440 | 12 960 |
| 48 001 – 49 000 | 14 700 | 1 470 | 13 230 |
| 49 001 – 50 000 | 15 000 | 1 500 | 13 500 |
| 50 001 – 51 000 | 15 300 | 1 530 | 13 770 |
| 51 001 – 52 000 | 15 600 | 1 560 | 14 040 |
| 52 001 – 53 000 | 15 900 | 1 590 | 14 310 |
| 53 001 – 54 000 | 16 200 | 1 620 | 14 580 |
| 54 001 – 55 000 | 16 500 | 1 650 | 14 850 |
| 55 001 – 56 000 | 16 800 | 1 680 | 15 120 |
| 56 001 – 57 000 | 17 100 | 1 710 | 15 390 |
| 57 001 – 58 000 | 17 400 | 1 740 | 15 660 |
| 58 001 – 59 000 | 17 700 | 1 770 | 15 930 |
| 59 001 – 60 000 | 18 000 | 1 800 | 16 200 |
| 60 001 – 61 000 | 18 300 | 1 830 | 16 470 |
| 61 001 – 62 000 | 18 600 | 1 860 | 16 740 |
| 62 001 - 63 000 | 18 900 | 1 890 | 17 010 |
| 63 001 – 64 000 | 19 200 | 1 920 | 17 280 |
| 64 001 – 65 000 | 19 500 | 1 950 | 17 550 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 65 001 – 66 000 | 19 800 | 1 980 | 17 820 |
| 66 001 – 67 000 | 20 100 | 2 010 | 18 090 |
| 67 001 – 68 000 | 20 400 | 2 040 | 18 360 |
| 68 001 – 69 000 | 20 700 | 2 070 | 18 630 |
| 69 001 – 70 000 | 21 000 | 2 100 | 18 900 |
| 70 001 – 71 000 | 21 300 | 2 130 | 19 170 |
| 71 001 – 72 000 | 21 600 | 2 160 | 19 440 |
| 72 001 – 73 000 | 21 900 | 2 190 | 19 710 |
| 73 001 – 74 000 | 22 200 | 2 220 | 19 980 |
| 74 001 – 75 000 | 22 500 | 2 250 | 20 250 |
| 75 001 – 76 000 | 22 800 | 2 280 | 20 520 |
| 76 001 – 77 000 | 23 100 | 2 310 | 20 790 |
| 77 001 – 78 000 | 23 400 | 2 340 | 21 060 |
| 78 001 – 79 000 | 23 700 | 2 370 | 21 330 |
| 79 001 – 80 000 | 24 000 | 2 400 | 21 600 |
| 80 001 – 81 000 | 24 300 | 2 430 | 21 870 |
| 81 001 – 82 000 | 24 600 | 2 460 | 22 140 |
| 82 001 – 83 000 | 24 900 | 2 490 | 22 410 |
| 83 001 – 84 000 | 25 200 | 2 520 | 22 680 |
| 84 001 – 85 000 | 25 500 | 2 550 | 22 950 |
| 85 001 – 86 000 | 25 800 | 2 580 | 23 220 |
| 86 001 – 87 000 | 26 100 | 2 610 | 23 490 |
| 87 001 – 88 000 | 26 400 | 2 640 | 23 760 |
| 88 001 – 89 000 | 26 700 | 2 670 | 24 030 |
| 89 001 – 90 000 | 27 000 | 2 700 | 24 300 |
| 90 001 – 91 000 | 27 300 | 2 730 | 24 570 |
| 91 001 – 92 000 | 27 600 | 2 760 | 24 840 |
| 92 001 – 93 000 | 27 900 | 2 790 | 25 110 |
| 93 001 – 94 000 | 28 200 | 2 820 | 25 380 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 94 001 – 95 000 | 28 500 | 2 850 | 25 650 |
| 95 001 – 96 000 | 28 800 | 2 880 | 25 920 |
| 96 001 – 97 000 | 29 100 | 2 910 | 26 190 |
| 97 001 – 98 000 | 29 400 | 2 940 | 26 460 |
| 98 001 – 99 000 | 29 700 | 2 970 | 26 730 |
| 99 001 – 100 000 | 30 000 | 3 000 | 27 000 |
| Akbar minn 100 000 | 33 000 | 3 300 | 29 700 |

# ANNESS II

Kontenut tal-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll

Il-programmi ta' azzjoni ta' kontroll nazzjonali għandhom ikollhom bħala mira, fost oħrajn, li jispeċifikaw dan li ġej:

1. MEZZI TA' KONTROLL

Riżorsi umani

1.1. L-għadd ta' spetturi fuq l-art u fuq il-baħar u l-perjodi u ż-żoni fejn ser jiġu mobilizzati.

Riżorsi tekniċi

1.2. L-għadd ta' bastimenti u inġenji tal-ajru għas-sorveljanza u l-perjodi u ż-żoni fejn ser jiġu mobilizzati.

Riżorsi finanzjarji

1.3. L-allokazzjoni tal-baġit għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani, il-bastimenti u l-inġenji tal-ajru għas-sorveljanza.

2. REĠISTRAZZJONI U RAPPORTAR ELETTRONIKU TA' INFORMAZZJONI MARBUTA MAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw konformità mal-Artikoli 11, 12, 15 u 17.

3. DEŻINJAZZJONI TA' PORTIJIET

Fejn rilevanti, lista tal-portijiet ddeżinjati għall-ħatt tal-inċova skont l-Artikolu 16.

4. NOTIFIKAZZJONI QABEL IL-ĦATT

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw konformità mal-Artikolu 14.

5. KONTROLL TA' ĦATT L-ART

Deskrizzjoni ta' kwalunkwe faċilità u sistemi implimentati biex tiġi żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 12, 14, 15, 16 u 18.

6. PROĊEDURI TA' SPEZZJONI

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom jispeċifikaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti:

(a) waqt li jsiru spezzjonijiet fuq il-baħar u fl-art;

(b) għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nnominati minn Stati Membri oħrajn bħala responsabbli għall-programmi ta' azzjoni ta' kontroll nazzjonali għall-inċova;

(c) għal sorveljanza konġunta u skambju ta' spetturi, inkluż speċifikazzjoni ta' poteri u awtoritajiet ta' spetturi li joperaw f'ilmijiet ta' Stati Membri oħra.

# ANNESS III

PUNTI TA’ REFERENZA SPEĊIFIĊI GĦALL-ISPEZZJONI

Għan

1. Kull Stat Membru għandu jistipula punti ta’ referenza speċifiċi għall-ispezzjoni skont dan l-Anness.

Strateġija

2. L-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd għandhom jikkonċentraw fuq bastimenti li x’aktarx jistadu għall-inċova. Spezzjonijiet aleatorji tat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-inċova għandhom jintużaw bħala mekkaniżmu komplimentari ta’ kontroverifika biex jiċċekkja l-effettività tal-ispezzjoni u s-sorveljanza.

Prijoritajiet

3. Tipi differenti ta’ rkaptu għandhom ikunu soġġetti għal livelli differenti ta’ prijoritizzazzjoni skont il-punt sa fejn il-flotot ikunu affettwati mil-limiti fuq l-opportunitajiet tas-sajd. Minħabba f’hekk, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi prijoritajiet speċifiċi.

Punti ta’ referenza fil-mira

4. Mhux aktar tard minn xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-iskedi ta’ spezzjoni tagħhom filwaqt li jqisu l-miri stabbiliti hawn taħt.

   L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw u jiddeskrivu liema strateġija ta’ teħid ta’ kampjuni għandha tiġi applikata.

   Fuq talba, il-Kummissjoni jista’ jkollha aċċess għall-pjan ta’ teħid ta’ kampjuni li jintuża mill-Istat Membru.

   (a) Livell ta’ spezzjoni fil-portijiet

   Bħala regola ġenerali, il-preċiżjoni li għandha tinkiseb għandha tkun mill-anqas ekwivalenti għal dak li għandu jinkiseb b’metodu sempliċi u aleatorju ta’ teħid ta’ kampjuni, fejn spezzjonijiet ikopru 20 % tal-ħatt kollu bl-użin ta’ inċova fi Stat Membru.

   (b) Livell ta’ spezzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni

   Spezzjoni ta’ 5 % tal-kwantitajiet ta’ inċova offruti għall-bejgħ b’irkant.

   (c) Livell ta’ spezzjoni fuq il-baħar

   Punt ta’ referenza flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd f’kull żona. Il-punti ta’ referenza fuq il-baħar għandhom jirreferu n-numru ta’ ġranet ta’ għassa fuq il-baħar fiż-żoni ta’ ġestjoni tal-

inċova, possibbilment b'punt ta' referenza separat għall-ġranet ta' għassa ta' żoni speċifiċi.

(d) Livell ta' sorveljanza mill-ajru

Punt ta' referenza flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd imwettqa f'kull żona u b'qies tar-riżorsi disponibbli għad-dispożizzjoni ta l-Istat Membru.